**<u>Tribunal Industrijali</u>**

**<u>Decizjoni Numru 2859</u>**

**<u>Kaz Nru: 3725/MD</u>**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Marja Alice Alves de Sa Cardoso Semana sive Maria Cardoso**

**u**

**JZT Investments Company Limited**

*dwar tkeccija allegatament ingusta*

Illum it-Tnejn, 10 t'Ottubru, 2022

**<u>Chairperson: Dr. Marouska Debono LL.D., M.A. in Law</u>**

## 1. Introduzzjoni

Ir-rikorrenti pprezentat l-kaz taghha fil-11 ta' Frar tas-sena 2019[1] fejn ippremettiet illi:

L-esponenti hija cittadina Portugiza u ilha residenti hawn Malta ghal dawn l-ahhar sentejn;

L-esponenti hija mpjegata mas-socjeta' ntimata fuq bazi *reduced hours* ghal zmien indefinit bhala Sales Assistant u dan kif jidher mid-dokument tal-*jobsplus* datat is-26 ta' Novembru 2018;

L-esponenti dejjem ghamlet xogholha bl-ahjar mod possibbli u qatt ma rciviet xi forma ta' lment jew *warning* f'dan is-sens;

L-esponenti giet infurmata illi qieghda tigi tterminata mill-impjieg taghha b'effett mit-13 t'Ottubru 2018, minhabba "*resignation – abandoned place of work*";

L-esponenti tichad kategorikament illi hi xi darba naqset milli tattendi ghax-xoghol jew sahansitra li abbandunat il-post ta' mpjieg taghha;

L-esponenti ssostni li effettivament hi giet itterminata mill-impjieg taghha minhabba illi hi marret titkellem mad-Dipartiment tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali sabiex tivverifika dwar il-*leave* li kienet intitolata ghalih. Dan wara li sabiex irnexxiela tiehu certu granet *leave* l-principal kien difficli hafna maghha;

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.

Meta marret tistharreg fl-imsemmi dipartiment, ir-rapprezentant li kellimha kien infurmaha illi mill-informazzjoni li ghaddietlu, hi kienet dovuta aktar minn €3000 f'arretrati ta' *bonuses*, *overtime* u beneficcji ohrajn. Kien biss meta dan ir-rapprezentant ghamel kuntatt telefoniku ma' xi hadd mill-kumpanija ntimata, jinfurmahom b'dan in-nuqqas, illi hi giet infurmata li qieghda tigi mkeccija mix-xoghol;

Ghalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti kienet motivata minn ragunijiet li mhumiex tajbin u bizzejjed skont il-Ligi ghall-finijiet ta' terminazzjoni tal-impjieg;

Ghalhekk, it-tmiem tal-impjieg tal-esponenti sehh bi ksur tal-ligi u hija wahda ngusta u invalida fil-Ligi.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak espost, l-esponenti, filwaqt illi ggib 'il fuq premess ghall-attenzjoni ta' dan it-Tribunal, titlob bir-rispett illi:

1. Dana l-abbli Tribunal jippremetti illi r-rikorrenti tipproduci d-Dikjarazzjoni taghha bl-Ingliz u dan stante li hija persuna barranija illi ma tifhimx bil-Malti;
2. Dana l-abbli Tribunal jippermetti illi l-proceduri eventwali isiru wkoll bil-lingwa Ingliza, u dejjem jekk ikun hemm bzonn u jekk ikun mehtieg, illi jigi appuntat traduttur bil-lingwa Portugiza;
3. Dan l-abbli Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti minn mas-socjeta' ntimata bhala wahda ngusta ai termini tal-Artikolu 75 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi in segwitu ghall-ewwel talba joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikoli 81(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u jiffissa kumpens xieraq pagabbli mis-socjeta' ntimata lill-esponenti.

B'risposta mressqa seduta stante[2] fit-8 t'April, 2019[3], is-socjeta' ntimata eccepiet is-segwenti:

Illi huwa minnu li Cardoso kienet impjegata mas-socjeta' esponenti fuq bazi ta' *reduced hours* ghal zmien indefinit bhala *sales assistant*;

Illi ghall-bqija tar-rikors, il-fatti dikjarati assolutament mhux il-verita'; jintqal li:

- L-esponenti dejjem ghamlet xogholha bl-ahjar mod possibli;
- Qatt ma rciviet xi forma ta' lment jew *warning*;
- Tichad kategorikament illi naqset li tattendi ghax-xoghol;
- Giet itterminata mill-impjieg minhabba li marret titkellem mad-Dipartiment tal-Impjieg.

Dawn id-dikjarazzjonijiet mhux minnhom kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz. Kemm damet tahdem mas-socjeta' esponenti Cardoso argumentat u ggieldet mall-maggoranza tal-istaff. Hafna mill-istaff li kien jahdem maghha kien jispicca b'argumenti ma' Cardoso. Din irciviet hafna *warnings* mis-socjeta' esponenti. Joseph Zammit Tabona ghandu amment li tal-anqas ghajtilha hmistax-il darba biex itiha *warnings*. Ma tkeccietx qabel biss ghax huwa difficli ssib *staff*.

Illi l-abbandun tax-xoghol, kull ma allegat Cardoso wkoll mhux vera. L-incidenti partikolari li finalment wassal ghat-tkeccija kien li hija arbitrarjament iddecidiet li ma tidholx ghax-xoghol nonostante li dan ma setghetx taghmlu, kif jista' ahjar jigi ppruvat. L-istejjer dwar stharrig mid-Dipartiment tal-Impjiegi mhux vera lanqas.

---

[2] *Vide* verbal datat 8 ta' April, 2019.
[3] *A fol* 17 *et seq* tal-process.

Ra x-xhieda prodotti mill-partijiet.

Ra l-affidavits prodotti.

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali mressqin mill-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

## 2. Fatti fil-Qosor

Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-Socjeta' ntimata bhala *Sales Assistant* fuq kuntratt indefinit fuq bazi ta' *reduced hours*. Bhala raguni ghat-tmiem tal-impjieg inghatat li abbandunat il-post tax-xoghol, liema raguni hija tinnega ghaliex meta giet itterminata hija kienet bil-*leave* u kienet il-kumpanija li ddecidiet li ma tinkludihiex fir-*roster* ghall-gimgha li tibda it-Tnejn 15 t'Ottubru, 2018. Hija kienet ikkuntattjat lill-Ufficcju tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali li kienu huma li nformawha li kienet giet itterminata. Hija kienet sorpriza ghaliex qatt ma nghatat warning. Fil-15 t'Ottubru, 2018, marret l-ufficini tas-socjeta' ntimata sabiex tghaddi c-certifikat mediku li kellha, u ticcekja r-*roster* ghall-gimgha ta' wara stante li hadd ma kien qed jirritorna t-telefonati taghha, fejn giet informata li ma kienetx ghadha mpjegata mall-Kumpanija.

## 3. Xhieda

Ra x-xhieda ta' **Joseph Zammit Tabona**[4] fejn qal li l-kariga tieghu hija ta' Direttur fi hdan il-kumpanija ntimata. Huwa kkonferma d-dikjarazzjoni pprezentata minnu.[5] Spjega li r-rikorrenti bdiet tahdem mall-kumpanija fis-sena 2016. Meta marret l-ewwel darba l-ufficcju kellha problema ta' akkomodazzjoni u hu u martu pruvaw jghinnuha. Meta bdiet tahdem mall-kumpanija r-rikorrenti kienet tistaqsi ghal hafna sieghat zejda sabiex imbaghad tibghat il-flus lill-familja taghha. Il-problemi bdew fil-*handovers*. Il-kumpanija ghandha 7 hwienet, u ghaliex ir-rikorrenti talbet ghal iktar sieghat kienu jtuha xoghol f'erbgha hwienet ohra. Kellha problema ghaliex fi tlett hwienet kellha l-argumenti, fejn impjegata minnhom kienet tmur tibki l-ufficcju tieghu u tghidlu li kien impossibli tahdem mar-rikorrenti. Kien hemm darba minnhom f'hanut gewwa Valletta, kienet giet imqabbda taghmel xi haga u daret fuq l-impjegata u offenditha.

L-impjegata, Vaida Gavenaite li kienet tahdem mar-rikorrenti fil-hanut gewwa Paceville kienet qaltlu li jekk ir-rikorrenti kien ser ikollha x-*shifts* maghha kienet ser tirrezenja. Spjega li kull haga li tghid lir-rikorrenti jkollha argumenti opposti l-hin kollu. Xehed li sahansitra kien iggieled ma' ibnu ghaliex ibnu kien jghidlu biex ikecci lir-rikorrenti, fejn kien jirrispondih li ma setax ghax ma kellux bizzejjed impjegati. Lir-rikorrenti taha *warnings* verbali mill-inqas hmistax-il darba. Kien hemm impjegata ohra Rita Yagoubi li kienet marret tibki ghandu minhabba r-rikorrenti mill-inqas ghaxar darbiet.

Xehed li meta darba kien qed jikkoregi lir-rikorrenti kienet qaltlu li hu ma kienx kuntent li hi tahdem mieghu u ghalhekk kienet qed tirrezenja. Madanakollu, l-ghada dahlet ghax-xoghol normali fejn hu ma kien qalilha xejn minahbba li kien ristrett fl-impjegati. Sahansitra kienu jaghmlu *posts* ma' *Jobsplus* izda ma tantx kien ikollhom applikazzjonijiet. Meta kien ikellem lir-rikorrenti fuq il-problemi l-ispjega taghha kienet li hadd ma kien jahmilha.

---

[4] *A fol* 31 *et seq* tal-process, xhieda datata 27 ta' Mejju, 2019.
[5] *A fol* 24 *et seq* tal-process.

Xehed illi dak li wassal ghat-tkeccija taghha kien li gimgha qabel l-14 t'Ottubru kienet staqsiet biex tiehu l-leave il-Hadd. Il-kumpanija ma sabitx rimpjazzament u ghalhekk ma setatx tapprovalha l-*leave*. Ir-rikorrenti qabdet it-*time sheet* u qatghet isimha. Hija cemplet lill-*General Manager* u qaltlu li ma kienetx sejra ghax-xoghol u haditilhom certifikat mediku. Hija kienet qalet ukoll lill-kollegi li t-tfal taghha kienu tawha sorpriza billi gew Malta fil-gurnata ndikata. Spjega li kienet tigri spiss illi meta kienu jigu t-tfal taghha Malta kienet titlob il-*leave*. Il-kumpanija kienet spjegatilha illi ir-*roster* issir minn gimghatejn qabel u ghalhekk tkun difficli li tinbidel habta u sabta.

Xehed li l-kumpanija kellha ftehim verbali mar-rikorrenti li bhala paga jkollha *flat-rate* bil-*commission* u l-Hdud paga doppja. Meta marret id-DIER ovvjament ma kellu xejn bil-miktub. Spjega li ma riedx jahli hin u meta d-DIER qalulu li r-rikorrenti kienet dovuta €3,833 ma kkontesta xejn u hargilha c-cekk, izda r-rikorrenti rrifjutatu.

Fil-kontro-ezami[6] qal li l-procedura tat-*timesheet* ma jfissirx li meta jghidu gimgha leave jigifieri li l-Hadd awtomatikament huwa *leave*, u r-rikorrenti din is-sistema tafha. Meta cempillu Johann Demicoli, kien qallu biex jghid lir-rikorrenti illi jekk ma tidholx il-Hadd hija kienet ser tigi tterminata mill-impjieg.

Ra x-xhieda in subizzjoni ta' **Maria Cardoso[7]** fejn qalet li kienet bdiet tahdem dak ix-xahar ma' Miller. Kellha ntervisti ohra izda kienu difficli ghaliex kellha tispjega kif waqfet mill-ahhar impjieg.

Xehdet li kienet applikat mall-*Jobsplus* sabiex jghinnuha ssib impjieg.[8] Kienet baghtet anke *e-mails* bis-CV taghha izda mhux dejjem kien ikollha risposta.

Fix-xhieda taghha qalet[9] li fiz-zmien li ghamlet tahdem mas-socjeta' ntimata ma tantx talbet ghal-*leave*, izda meta talbet kienu jghidulha le ghaliex kien is-sajf u jkun hemm ix-xoghol. Meta kienet talbet fi Frar qalulha le wkoll ghax kien hemm impjegati imsiefrin. Fil-bidu t'Ottubru kienet staqsiet ghal gimgha *leave*. Fil-*leave* bdiet thossha ma tiflahx u marret id-DIER sabiex issaqsi dwar il-*leave* u d-drittijiet taghha. Id-DIER kienu qalulha li kien qed joqrob l-ahhar tas-sena u li jekk mhux ser tuza l-leave kollu kienet ser titlef 15% u certu Andre' Carbonaro, r-rapprezentant li kienet qed titkellem mieghu kien cempel lill-kumpanija dak il-hin. Qalet li dak il-hin l-ewwel darba li semghet li kienet ser titkecca. Verbalment kienu qalulha li kienu ser ituha leave minn Tnejn sa Tnejn imma mbaghad poggewha fuq ir-roster il-Hadd. Meta saret taf mid-DIER li kienu ser ikeccuha marret tfittex lil Johann. Spjegat li dan gara meta hija kienet bil-*leave*. Dak il-hin Johann qalilha li la kienet marret ghand id-DIER issa terga' tmur hemmhekk ha jsolvulha l-problema.

Fl-affidavit[10] qalet li kienet ilha tahdem mall-kumpanija ntimata minn Mejju, 2016 bhala *salesgirl*, li kien jinkludu hafna rwoli bhala tiftah il-hanut, tnaddfu, tiehu hsieb il-*cash register* u l-*cash float*, taqdi l-klijenti, tbiegh, *security*, torganizza l-hanut, tipprezza u taghmel l-affarijiet fuq l-ixkafef. Bazikament, l-irwol kien jinkludi kull haga li tmexxi l-hanut. Il-kumpanija kellha diversi hwienet imma hija kienet assenjata gewwa l-hanut *Thinking Malta*, gewwa San Giljan. Xi drabi kienet tkun assenjata anke fi hwienet ohra. Il-kollegi taghha kienu japprezzaw xogholha ghax hi kienet *hard worker*, u r-rikorrenti tghid li hi certa li din kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex kienet tigi assenjata f'hafna hwienet. Wahda mill-kollegi taghha, Rita Yagoubi, kienet tghidilha li kienet efficjenti hafna biex tipprezza u taghmel l-affarijiet fuq l-ixkafef u fil-fatt kienet tghidilha li ma kelliex ghalfejn tghaggel. Imma kienet in-natura

[6] A fol 204 et seq tal-process; kontro-ezami datat 9 ta' Marzu, 2021
[7] A fol 36 et seq tal-process; xhieda datata 27 ta' Mejju, 2019.
[8] A fol 154 et seq tal-process; xhieda datata 1 ta' Lulju, 2019.
[9] A fol 221 et seq tal-process; xhieda datata 5 ta' Ottubru, 2020.
[10] A fol 329 et seq tal-process; pprezentat fis-seduta datata 10 ta' Mejju, 2021.

taghha li taghmel dawn id-doveri biex ikollhom il-hanut nadif u jnehhu l-kaxxi min-nofs. Darba sahansitra b'mod sarkastiku qaltilha "*are you expecting a statue infront of the shop*?"

Waqt l-impjieg taghha, kien hemm okkazjonijiet fejn hadet l-inzijattiva li tghin lill-klijenti jew lill-kollegi taghha sabiex il-hanut jitmexxa ahjar. Madanakollu, Manuela Cassar kienet tmur tkellem lil Joe Zammit Tabona biex tghidlu li, hija kienet ghamlet xi haga hazina, pero' meta kienet tmur biex tikjarifika kienu jaccerta li l-azzjonijiet taghha kienu tajbin. Bhala ezempju semmiet li kellhom policy li jaghtu rigal zghir ta' inqas minn 1 Euro bhala gest ta' apprezzament. Dan il-gest kienet ghamlitu (*b'nailfile*) ma' ghalliema li gabet klassi gewwa l-hanut. Dakinhar Manuela Cassar marret tirraportaha mill-ewwel lid-Direttur, fejn id-Direttur kien qalilha li l-inizjattiva taghha kienet accettabbli. Kompliet tghid li tant kien hemm istanzi li jkunu wisq biex issemmihom kollha.

Spjegat li normalment kienet tahdem shifts ta' 8 sieghat izda kien hemm drabi fejn kienet tahdem zewg *shifts* fl-istess gurnata. Ma kienetx problema ghaliha ghaliex kienet lesta li tahdem iktar ghal paga ahjar. Apparti minn hekk kienet anke tintbaghat biex tbiddel kollegi taghha, xi drabi anke nofs siegha qabel ma jibda s-*shift*. Skont il-kumpanija ir-*roster* kienet tohrog minn gimghatejn qabel. Xi drabi kienet tkun disponibbli gimgha qabel. Fil-hanut li kienet tahdem, Rita Yagoubi kienet responsabbli ghar-*roster*. Meta kollegi kellhom bzonn jigu rimpjazzati, l-procedura kienet li isimhom jinghata mir-roster, u l-ismijiet jigu rimpjazzati bl-ismijiet tal-kollegi li kienu ser jidhlu ghal dak is-*shift*. Ipprezentat ir-*roster* tal-gimgha mill-15 t'Ottubru, sal-21 t'Ottubru, fejn wiehed ghandu jinnota li isimha ma kienx imnizzel. Ghalhekk, ma kienetx inghatat is-shiftijiet ghal dik il-gimgha u ma kienetx bil-*leave*.

Kompliet li fil-bidu tal-impjieg taghha ghal madwar sena u nofs, qatt ma talbet *leave* u ghalhekk qatt ma kellha problemi mall-kumpanija ntimata. Wara dawn is-sena u nofs meta kienet titlob bejn tlett u erbat'ijiem *leave* wkoll ma kienx ikollha problema. Meta riedet tmur pajjizha wkoll ma kellhiex problema imma l-problema kienet li hi anke Malta kien ikollha bzonn il-*leave*. Il-kumpanija kienet problematika biex ittiha l-*leave* specjalment fis-sajf. Fil-fatt fis-sajf kien hemm istanzi fejn kienet tahdem kuljum ghal gimghatejn minghajr mistrieh. Kienet kuntenta taghti dawk is-sieghat izda kienet tippretendi li jkunu iktar flessibli ghal-leave skont il-ligi. Anke fix-xitwa kien ikun hemm problema meta kienet titlob ghal-*leave*, r-rikjesta kienet tigi rifjutata ghaliex kollegi taghha kienu jkunu imsiefrin u ghalhekk hija ma setghetx tinghata l-*leave* ukoll. F'Ottubru, 2018, kienet qed tfittex dar u ghalhekk talbet ghal-*leave* biex tara l-proprjetajiet. Wara hafna nsistenza, l-kumpanija tatha mit-8 t'Ottubru sal-14 t'Ottubru, 2018. Fil-fatt kienet hadmet zewg shifts il-Hadd 7 t'Ottubru, 2018.

- Fit-8 t'Ottubru qghadet id-dar ghax kienet ghajjiena u hassitha ma tiflahx.
- Fid-9 t'Ottubru marret id-DIER sabiex tara d-drittijiet taghha dwar il-*leave*, fejn giet infurmata li trid id-dokumenti minghand il-*Jobsplus*.
- Fl-10 t'Ottubru marret *Jobsplus* ta' Birkirkara u kif kienet hemm marret il-poliklinika ghaliex kienet qed thossha ma tiflahx. It-tabib hargilha certifikat mediku li tista' tidhol lura ghax-xoghol fil-15 t'Ottubru. Id-dijanosi kienet li kellha *acute ear and throat infection*. Wara marret ghand id-DIER u kellmet lil Andre' Carbonaro dwar il-*leave* u wara li ra l-*payslips* qalilha li kellha ammont sostanzjali ta' bilanc ta' *leave*. Informaha li jekk ma kienetx ser tuza l-*leave* sa l-ahhar tas-sena, kienet ser titlef 50% tal-leave entitlement. Carbonaro kien cempel lill-kumpanija fejn kien kellem lil Johann Dimech u milli fehmet hija kienet qed jitkellmu dwar il-*leave*. Waqt l-istess telefonata Carbonaro hares lejha u qalilha li kienu ser ikeccuha u kien ikun ahjar kieku tmur tkellimhom.
- Fit-12 t'Ottubru marret id-DIER biex tirraporta maghhom.
- Fit-13 t'Ottubru kellmet lil Johann u qalilha li kienu qed jippreparawlha d-dokumenti sabiex l-impjieg jigi tterminat. Gordon Caruana taha t-terminazzjoni biex tiffirmaha. Meta talbitu l-ittra u l-paga qalilha li d-Direttur kien imsiefer u ma kien ser jinghata xejn sakemm ma d-Direttur

jigi mis-safar. Regghet kellmet lil Johann u qalilha biex tkellem lid-DIER sabiex tikkjarifika maghhom.

- Fil-15 t'Ottubru marret il-poliklinika tal-Gzira fejn it-tabib hargilha certifikat mediku sabiex tidhol lura ghax-xoghol fit-18 t'Ottubru. Dakinhar regghet marret id-DIER u kellmet lil Aryton Walls u tatu iktar informazzjoni dwar it-tkeccija. Id-DIER sabu rregolaritajiet fix-xoghol taghha u stitwew proceduri kriminali.

Kompliet tghid li fil-bidu tal-gimgha msemmija hija kienet giet mitluba li tirritorna c-cviewet minhabba li kienet bil-*leave* ghaliex il-persuni li jirrimpjazzaw ma jkollhomx kopja tac-cwievet. Granet wara li marret id-DIER, ghaddiet *Thinkin Malta*, San Giljan, u nnutat li isimha ma kienx fuq ir-*roster* tal-15 t' Ottubru, ghalhekk hadet ritratt. Fl-istess hin, innutat illi isimha kien imnizzel fl-14 t'Ottubru u kellha is-sieghat indikati meta kienet bil-leave. Irrimarkat ma' Lucy D'Amato li kienet fil-hanut li wisq probabbli nizzlu isimha bi zball. Kellmet lil Charmaine Grima li tiehu hsieb ir-*roster* u qaltilha li hija ma kienetx imnizzla fil-gimgha tal-15 t'Ottubru, fejn Grima qaltilha biex tkellem lil Johann. Ghalhekk telghet fuq u tat ic-certifikat mediku lil Gordon Caruana. Dakinhar ma tkellmitx ma' Johann.

Kompliet tghid li sal-lum ghadha ma thallsitx. Tinsab dizappuntata bil-fatt li wara li giet itterminata Joe Zammit Tabona qatt ma cemplilha biex jisma' l-verzjoni taghha. Dehret ukoll quddiem in-*National Employment Authority* u waqt dawn il-laqghat Johann Demicoli rrifjuta li jbiddel ir-raguni tat-tmiem tal-impjieg. Min mindu giet itterminata, kienet mhux impjegata ghall-maggor parti taz-zmien salv ghal 6 xhur fis-sajf.

Fil-kontro-ezami[11] qalet li minn mindu giet itterminata hija hadmet fis-sajf tas-sena 2019 ma' Miller, ghaliex kien difficli ssib xoghol minhabba l-pandemija u minhabba l-eta' taghha. Fuq domanda jekk qatghetx isimha mir-*roster* qalet li iva u dan ghaliex kienet il-procedura tal-kumpanija li meta xi hadd irid ikun rimpjazzat jaqtghu l-isem u jiktbu l-isem tal-persuna li tkun ser tmur. Qalet li mhux ezattament kien ikollha l-argumenti izda hija ilha f'dan ix-xoghol ghal 20 sena u kienet taf xi trid taghmel ghal iktar efficjenza u ma kienetx tkun accettata. Qatt ma offendiet lill-impjegati ohrajn u pjuttost kien hemm incident fejn kollega offendietha u kienet cemplet lil Joe Zammit Tabona. Qatt ma marret tard ghax-xoghol hlief ghal xi darba jew tnejn meta kien ikollha zewg *shifts* fuq xulxin. Ma cahditx li halliet nemus imwahhal mat-*tape* sabiex issibhom kollega taghha, u dan ghax kien hemm hafna nemus. Kienet taghmel hafna *overtime*. Qalet li meta kienet iddum iktar mill-hinijiet moghtija lilha, hija kienet tithallas siegha – siegha u mhux ta' *overtime*. Hija kienet taghlaq tard ghaliex meta jitilqu l-klijenti riedet taghlaq il-*cash*.

Ra l-affidavit ta' **Benjamin Zammit Tabona**[12] fejn qal li jigi t-tifel ta' Joseph Zammit Tabona u hu kellu l-irwol ta' assistent personali ta' missieru. Meta r-rikorrenti tkecciet hu u missieru kienu c-Cina. Kienu rcevew telefonata minghand Joahnn Demicoli li kien il-*General Manager* fejn kien spjega li missieru li kellu ncident mar-rikorrenti fuq ir-*roster*. Minhabba l-fatt illi hija kellha diversi incidenti ma' diversi mpjegati ohra fi hdan il-kumpanija, kien gie maqbul illi hija tigi tterminata.

Bhala elenku ta' x'wassal li r-rikorrenti tigi tterminata ndika:

1. Il-kumpanija ma tuzax *punch clocks* ghaliex iridu l-impjegati jhossuhom fdati. Fil-kas tar-rikorrenti personalment kien isib il-hanut ghadu maghluq sa ghoxrin minuta u anke nofs siegha mill-hin li suppost ikollha tiftah. Meta kienet tirraporta s-sieghat fl-ahhar tax-xahar dejjem kienet tirraporta li fethet il-hwienet fil-hin. Meta kienu jigbdulha l-attenzjoni biex tiftah il-

[11] *A fol* 356 *et seq* tal-process; kontro-ezami datat 4 ta' Gunju, 2021.
[12] *A fol* 170 *et seq* tal-process; affidavit pprezentat 8 ta' Novembru, 2019.

hanut fil-hin dejjem kienet tghidilhom li qatt ma kien ikun tort taghha imma tal-linja u kienet tirrabja meta jkellmuha.

2. Kienet regolarment tipprova tibbukja l-*leave* fl-ahhar hinijiet u kienet tirrabja meta kienu jirrifjutaw. Is-sistema tal-*leave* kienet li kienet tirranga ma' xi hadd iehor biex jissostitwiha. Dejjem kienet tivvittimizza ruhha meta kienu jkellmuha.
3. Ma kienetx tohrog l-*istock* fix-*shift* taghha, u thalli hafna affarijiet barra ghal min ikun ser jiftah l-ghada, bl-iskuza li kienet tkun ghajjiena mill-hafna sieghat li kienet tahdem.
4. Meta kienu jnaqqsulha l-hinijiet tal-*overtime* sabiex tahdem il-hinijiet normali, kienet targumenta ghaliex kienet tghid li ma setghatx tghix bil-paga *standard*.
5. Hafna mill-istaff kien jhedded li jirrezenja jekk jahdem is-*shift* maghha ghaliex dejjem targumenta u kienet egoista u kienet tikkmanda lin-nies biex jerfghu l-affarijiet tqal minghajr ma tghin. Xi whud kienu jmorru l-ufficcju jibku minhabba f'hekk.
6. Kienet tistieden lit-tfal (ta' ghoxrin sena) sabiex joqghodu fil-hanut hdejha sakemm tkun qed tahdem, kull darba li jkunu Malta, u anke wara li kienet imwissiha sabiex ma tkompliex tohodhom il-hanut.
7. Meta jkollha x'taqsam mall-*management*, dejjem tinsisti li jkollha l-ahhar kelma u ma kienetx taccetta li jekk ikollha argument ma' kollega taghha, jkollha twissija kontriha.
8. Kienet targumenta biex ma tbiddilx *shifts* ma' kollega taghha jekk ikunu bis-*sick* u l-*leave*, anke jekk ifisser li titlef is-*shift* li tahdem fuq il-*cash* u tiehu *shift* fejn ma tahdimx fuq il-*cash* sabiex tiehu l-*commission*, bl-iskuza li taffettwa l-paga taghha.
9. Ghalkemm fil-bidu tal-impjieg kienet tahdem f'diversi hwienet biex tkun akkomodata bil-hinijiet, lejn l-ahhar tal-impjieg kienu qeghdin jillimitaw ix-xoghol taghha fi ftit hwienet biex jevitaw kunflitti mall-kollegi li ma kienux jifilhuha.
10. L-ahhar kunflitt kien rikjesta ghal-*leave* li l-kumpanija ma approvatx, ghalhekk qatghet isimha minn fuq ir-*roster*.
11. Kien l-ufficcju mill-inqas 10 darbiet marret l-ufficjju u argumentat ma' missieru, u wara t-tielet jew ir-raba' darba missieru kien jghidilha li din kienet l-ahhar *warning*.
12. Kien argumenta ma' missieru ghaliex skontu messu kien ilu li ttermina lir-rikorrenti iktar minn darba, fejn missieru kien ifakkru kemm kien difficli biex isibu mpjegata. Darba sahansitra ghidtlu li jekk ikeccieha kien lest li jmur minflokha huwa.

Ra l-affidavit ta' **Johann Demicoli**[13] fejn qal li hu l-*General Manager* tas-socjeta' ntimata u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar 20 sena. Huwa kkonferma li qatt ma kellhom problema mall-ETC qabel din il-kawza. Huwa difficli ferm li jsibu mpjegati. Spjega li r-raguni li wasslet ghat-tkeccija tar-rikorrenti kienet li matul ix-xhur li kienet impjegata l-problemi qatt ma waqfu.

- Kellha problemi serji mall-kollegi taghha u bhala ezempju semma lil certu Saddam Hussein li kien ilmenta li kienet tirredikolah u tiksru quddiem in-nies.
- Kien hemm rapporti kontinwi li kienet tkun pastaza mall-klijenti.
- Kienet tkun tard hafna drabi, anke sa nofs siegha, biex tiftah il-hwienet.
- Attitudni b'disrispett fil-konfront tas-superjuri u kollegi taghha.
- Tirrifjuta li taghmel xogholha.
- Arroganti fil-konfront ta' kollegi taghha, anke bil-mod kif titkellem maghhom.

Personalment kien ta parir lis-superjur tieghu Joe Zammit Tabona diversi drabi u dan fuq diversi lmenti li kien jircievi dwarha. Kien qed ikollhom problemi biex jikkonkludu r-*rosters* ghaliex hadd ma ried jahdem maghha. Fl-ahhar iddecidew li jibghatuha fil-hanut ta' San Giljan fejn persuna wahda kienet bizzejjed. Il-persuna bix-*shift* l-iehor ukoll ilmentat li r-rikorrenti ma kienetx taghmel xogholha, ma kienetx izzomm il-hanut nadif u ma ttellax l-*istock* fuq l-ixkafef. Ghalhekk dan ix-xoghol kellha taghmlu l-impjegata l-ohra.

[13] *A fol* 172 tal-process, affidavitypprezentat fit-8 ta' Novembru, 2019.

L-ahhar problema kienet meta rrifjutat li tattendi f'gurnata partikolari. Hija kienet bil-*leave* awtorizzat mit-8 sat-13 t'Ottubru, 2018. Kellha tirritorna ghax-xoghol fl-14 t'Ottubru, kif miftiehem maghha. Jumejn jew tlett ijiem qabel kien informat li marret fuq il-post tax-xoghol u qatghet isimha minn fuq ir-*roster* ghall-14 t'Ottubru. Kien cemplilha biex tispjegalu x'gara fejn qaltlu li ma kienitx diehla ghax-xoghol. Kien qalilha li kien inaccettabbli anke ghaliex il-kollega taghha kienet hadmet gimgha shiha mid-9.00am sas-7.00pm. Cempel lil Joe Zammit Tabona u fejn kien qallu li jekk ma kienetx ser tahdem il-Hadd, l-impjieg ghandu jigi tterminat u biex jinformaha b'dan. Ghal darb'ohra huwa cempel lir-rikorrenti u nformaha b'dak li qallu Zammit Tabona.

Fil-kontro-ezami[14] qal li ma jafx jekk dik ir-*roster* partikolari kienetx harget gimghatejn qabel, jew dik il-gimgha. Fuq it-telefon kien qal lir-rikorrenti li kien kellem lil Zammit Tabona u jekk ma kienetx ser tidhol il-Hadd, tista' ma tidholx iktar ghax-xoghol, u mhux ser tkun izjed inkluza fir-roster. Ir-rikorrenti wara dan kienet marret tikkonfrontah il-hanut u rega spjegalha, u qalilha daqshekk.

Meta rega' xehed[15] qal li l-*leave* hafna drabi jintalab b'mod verbali. Id-DIER kienu baghtu *e-mail* lill-kumpanija wara li r-rikorrenti kienet itterminata. Ma kienx cert mill-kontenut izda seta' kien li d-DIER baghtu ghaliex ir-rikorrenti ma kienetx qed tigi *rostered*. Kompla jixhed li haseb li ma rrispondiex tali *e-mail*. Ir-rikorrenti kienet marret l-ufficcju u ffirmat id-dokument tat-terminazzjoni.

Ra x-xhieda ta' **Charmaine Grima**[16] fejn spjegat li tahdem mas-socjeta' ntimata bhala *manager*, u ilha tahdem mall-kumpanija ghal kwazi 13-il sena. Bhala doveri ghandha li jahdmu bhala *team* u li jkunu leali. Id-doveri taghha huwa li taghmel bazikament kollox, inkluz taghmel ir-*rosters*, l-*orders* u tghin fil-hwienet, fil-hanut tal-Belt, Paceville u tghin f'hanut iehor. Lir-rikorrenti tiftakarha tahdem go tlett hwienet. Spjegat li ghall-ewwel ir-rikorrenti bdiet tajjeb imbaghad bdew jinqalghu l-problemi. L-irwol tar-rikorrenti kien ta' *sales girl*, tkun fuq il-*cash* u sservi lin-nies. Ir-rikorrenti kienet *part-timer* u meta qelbet *full-timer* bdiet tiehu hafna *sick leave*. Bdiet taqla' l-inkwiet ghax l-ewwel ma ridietx hafna sieghat imbaghad riedet hafna sieghat kienet iccempel targumenta. Fis-sajf kienet taqla l-problemi fuq il-*leave*. Dak iz-zmien ikunu bl-*istop leave*. Darba riedet gimgha u meta akkomodawha, kienet dahlet u ngassat isimha ghall-Hadd fejn kellha tidhol. Hi pruvat tirrangalha ghall-Hadd ukoll imma kien impossibli. Fuq din l-istanza kien kellimha Johann.

Kompliet tixhed li darba cemplitilha kollega taghha tibki, certu Rita li kienet tahdem *Thinking Malta*, li r-rikorrenti kienet thallilha nemus bid-demm imwahhlin mat-tape.

Kompliet tghid li maghha kienet argumentat hafna drabi wkoll ghaliex ma kienetx taghmilha fuq il-*cash*. Hija kienet tkun trid li toqghod fuq il-*cash* ghax kellhom il-*commission*. Ir-rikorrenti kellha xi tghid ma' mpjegata ohra li kienet ilha tahdem mall-kumpanija u kienet lesta li titlaq minhabba r-rikorrenti. Dan ghaliex kienet targumenta hafna u gieli anke mall-klijenti.

L-irwol ta' *salesgirl* mall-hanut huwa wkoll biex jimminizzaw li jsir serq u xi drabi kienet tkun *security*. Darba kien hemm familja taljana li kellhom tfal imissu xi affarijiet u jergghu iqeduhom u r-rikorrenti kienet akkuzathom u affrontathom li serqu meta ma kienu serqu xejn. Filghaxija kienu gejjin jixtru u meta raw lilha fil-hanut kienu ser jibqghu ghaddejjin izda meta kellmithom u skuzat ruhha hija kienu dahlu jixtru.

---

[14] *A fol* 207 *et seq* tal-process; kontro-ezami datat 9 ta' Marzu, 2020.
[15] *A fol* 313 *et seq* tal-process; ezami datat 8 ta' Frar, 2021.
[16] *A fol* 173 *et seq* tal-process; xhieda datata 11 ta' Novembru, 2019.

Spjegat li r-rikorrenti kwazi kellha xi tghid mall-maggjor parti tal-istaff. Tat ezempju fejn certu Rita kienet tghidilha biex taghmel xi haga u r-rikorrenti tgholli spallejha. Lanqas tobdi ma kienet. Kien hemm membri tal-istaff li kienu jirrifjutaw li jahdmu maghha. Barra minn hekk kienet tasal tard ghax-xoghol. Bhala skuza kienet tghid li jekk tghaddi tal-linja mimlija jew tal-linja m'ghaddietx. Kienet tghid ukoll li l-Maltin kienu mqabbdin maghha.

Xehdet li Joseph Zammit Tabona ragel leali, pacenzjuz u kemm ilha tahdem hemm rari kien ikecci lil xi hadd. Ommha ghamlet 26 sena tahdem mieghu.

Semmiet ezempji ohra li kienet taghmel ir-rikorrenti bhal meta kienet tahdem *Thinking Malta* kienu jghidulha li t-*timesheet* ma tistax tohodha maghha d-dar imma xorta kienet tohodha maghha, u jekk tispicca f'xi hin kienet tnizzel hinijiet zejda li effettivament ma kienetx tahdem. Spjegat li hija kienet ticcekja kollox. Meta kienet tara li persuni jnizzlu hinijiet li ma kienux jikkombacu mall-hinijiet li effettivamnet jahdmu kienet tinforma lill-*accountant*. Jekk isibu xi affarijiet nieqsa qatt ma gew imgegghla li jhallsu ghalihom. Kienet anke tnaddaf bhalma kienet taghmel meta kienet impjegata ma' kumpanija ohra.

Ra x-xhieda ta' **Annabelle Aquilina**[17] li qalet li m'ghadhiex tahdem mall-kumpanija ntimata imma meta kienet impjegata mall-kumpanija ntimata bhala *salegirl* ghal madwar sentejn u nofs u kienet fil-hanut tal-Belt flimkien ma' mpjegata ohra, fejn kienu jiehdu hsieb li jordnaw l-*istock*, jaraw li l-hanut ma jinsteraqx u li l-istaff jaghmel xogholu.

Spjegat illi meta hadmet mar-rikorrenti kien it-Tnejn u kienet qaltilha li hi kienet ser taghmel l-ordni tal-*prints* tat-*T-Shirts*, il-kollega l-ohra marret iggib il-flus mill-bank u qaltilha biex taqbad barmil u tnaddaf u dan ghaliex il-hanut jinsab Stada Reppubblika u meta jkun ir-rih jimtela bit-trab, fejn ir-rikorrenti wegbitha fl-affermattiv. Sadanittant, waslet il-kollega l-ohra u staqsitha x'hini taghmel ir-rikorrenti. Kien ghadda tul ta' hin minn mindu suppost nadfet izda r-rikorrenti kienet ghadha ma bdietx ghalhekk qalet lill-kollega taghha biex tghidilha hi ghax ir-rikorrenti ma kienetx qed taghti kasha. Meta regghu qalulha biex tlesti qaltilhom li ser toqghod ghassa man-nies ghax ma tiflahx, u meta qalet lir-rikorrenti li llum kien imisshom biex inaddfu qaltilha illi kienet ser ittella l-affarijiet minn isfel, u ghalkemm qaltlek m'hemmx xi jtellghu, r-rikorrenti xorta ghamlet siegha ttella c-cucati bhal qfief u *mugs*. Regghet qalet lill-kollega biex tghidilha hi biex tnaddaf u nqala' argument. Waqt li kienet qed taqdi klijent, ir-rikorrenti bdiet tinsulentahom.

Spjegat li darb'ohra r-rikorrenti dahlet ma tiflahx u bdiet tisghol u meta qaltilha li ahjar tmur id-dar bis-sick qaltilha li mhux ser ticcaqlaq minn hemm. Qalet li kienet cemplet lil Benjamin Zammit Tabona. Qalet li r-rikorrenti dejjem kienet tara kif ser tinstiga lin-nies.

Ra x-xhieda ta' **Rita Yagoubi**[18] li ilha tahdem bhala *salesgirl* mall-kumpanija ntimata ghal 13-il sena. Qalet li r-rikorrrenti kienet tahdem hafna drabi maghha. Hi kienet tiehu hsieb ir-*roster*, u jekk lir-rikorrenti ttiha hafna hin tgerger u jekk tnaqqsilha tgerger ukoll. Darba r-rikorrenti sahansitra hadet ir-*roster* u marret tgerger ghand Joe Zammit Tabona fuqha. Qalet li r-rikorrenti kemm-il darba bikkitha. Ix-xoghol kien jinkludi li jekk jigu l-kaxxi bix-xoghol jifthuhom. Jekk tghidilha biex tirranga l-flokkijiet kienet tgholli spallejha u tgerger li dejjem tghidilha biex tirrangahom. Darba dahlet ghax-xoghol u fis-*shift* ta' qabel kien hemm ir-rikorrenti u kienet hallitilha l-wicc tal-bank kollu nemus bit-tape, u meta qaltilha, r-rikorrenti nfaqghet tidhak. Telghet hafna drabi ghand Joseph Zammit Tabona minhabba

[17] *A fol* 179 *et seq* tal-process; xhieda datata 11 ta' Novembru, 2019.
[18] *A fol* 183 *et seq* tal-process; xhieda datata 11 ta' Novembru, 2019.

ncidenti li kien ikun hemm bejniethom. Kienet tasal tard ukoll ghax-xoghol u dejjem kienet iggib xi skuza.

Ra x-xhieda ta' **Gordon Caruana**[19] fejn qal li hu ilu jahdem mall-kumpanija ntimata ghall-20 sena u qieghed fl-istess ufficcju ta' Joseph Zammit Tabona. Kemm-il darba ra lir-rikorrenti jkollha kwistjonijiet ma' kull dipartiment li kienet tkun fih. Gieli kienet tmur l-ufficcju ghal kwistjonijiet personali taghha wkoll. Kellha problemi fuq sieghat li kienet tnizzel ghaliex kienet tindika ammont meta fir-realta' kien ikun inqas. Sahansitra kien hemm sieghat tal-istess granet li kienet tghoddhom darbtejn. Meta gibdilha l-attenzjoni ammettiet l-izball. Ma' mpjegati ohra argumenti kien hemm izda qatt ma spiccaw kif spiccat ir-rikorrenti.

Ra l-affidavit ta' **Joseph Galea**[20] li spjega li kien jaf lir-rikorrenti ghaliex kien imur ibiegh il-boroz fil-hanut li kien ikun hemm hi. L-atteggjament taghha fil-konfront tieghu ma kienx joghgbuh tant li waqaf imur. Kull darba li kien imur, kienet takkuzah li kien jisraq lil Joseph Zammit Tabona bil-prezzijiet tieghu u kien jimbarazza ruhu tant li kien beda jmur meta ma jkunx hemm hi. Kienet ittih il-problemi biex thallsu. Darba kienet staqsietu biex tmur tghix mieghu u hu kien irrifjuta. Wara dak l-epidosju meta kien imur il-hanut kienet tgholli spallejha u tinjorah. Sahansitra kienet marret tghid lil Joseph Zammit Tabona li m'ghadux ibieghlu boroz.

Ra x-xhieda ta' **Alexandra Adamczyk**[21] li qalet kienet impjegata mas-socjeta' ntimata f'hanut differenti milli kienet tahdem ir-rikorrenti, izda meta kienet tiltaqa' maghha kienet rasha iebsa u *hard approach*. Kienet iggib ruhha daqs li kieku taf kollox. Kull hanut kellu r-regoli tieghu. Mar-rikorrenti dejjem kien hemm nuqqas ta' kommunikazzjoni. Il-ftit drabi li hadmet mar-rikorrenti, r-rikorrenti kienet dejjem tkun tard u meta tibghatilha lanqas tirrispondiha u kien ikollha ccempel il-*head office* biex tara jekk kienetx bidlet il-gurnata. Haga ohra kienet li qatt ma riedet tkun parti minn *team*.

Bugibba kellhom zewgt'ihwienet, wiehed kbir u wiehed izghar u r-rikorrenti kienet gol-hanut iz-zghir. Kienet cemplitilha biex tara ghandhiex klijenti u r-rikorrenti qaltilha li le, fejn ix-xhud qalet lir-rikorrenti biex tghalaq il-*cash*. Ir-rikorrenti kienet irrispondietha li ma tantx kienet qed thossha sew u ghalhekk kienet ser taghmel te'. Ftit minuti wara, r-rikorrenti cemplitilha u qaltilha li ghalqet kollox u x-xhud irrimarkat li hi damet 40 minuta biex taghlaq kollox u ghalhekk kienet certa li r-rikorrenti kienet ghalqet qabel il-hin. Meta lestiet u marret lejn il-hanut fejn kien hemm ir-rikorrenti nnutat illi l-hanut kien mixghul, kien hemm il-klijenti u r-rikorrenti kienet bil-*mug* tat-te' f'idha. Meta staqsietha kif ghadha miftuha, r-rikorrenti rrispodietha illi hija mhux ha tghidilha x'ghandha taghmel.

Ra x-xhieda ta' **Sarah Spiteri**[22] li qalet li x-xoghol tal-familja taghha huwa li jissuplixxu fil-hwienet tas-socjeta' ntimata. Kienet waqfet tmur meta jkun hemm ir-rikorrenti ghaliex kienet difficli. Darba kellha argument mar-rikorrenti ghaliex kellha ftehim ghal xi *returns* ma' Rita u hi bdiet targumenta max-xhud ghax kienet ghadha ma hadithomx lura.

Ra x-xhieda ta' **Anthony Bonnet**[23] li qal hu joqghod Paceville, hdejn il-hanut u meta jkollu bzonn xi haga Joseph Zammit Tabona jmur jaqdih. Ir-rikorrenti jafha ghaliex kienet tiftah il-hanut. Kien jinnota li kienet tiftah tard u sahansitra kien icempel lill-kumpanija biex jinformaha. Ir-rikorrenti kienet staqsietu x'jimpurtah. Anke kien imur il-hanut kienet toqghod issaqsih x'mar jaghmel meta haddiehor ma kienx isaqsi.

---

[19] *A fol* 186 *et seq* tal-process; xhieda datata 11 ta' Novembru, 2019.
[20] *A fol* 189 tal-process; affidavit ipprezentat 23 ta Jannar, 2020.
[21] *A fol* 190 *et seq* tal-process, xhieda datata 27 ta' Jannar, 2020.
[22] *A fol* 193 *et seq* tal-process; xhieda datata 27 ta' Jannar, 2020.
[23] *A fol* 195 *et seq* tal-process; xhieda datata 27 ta' Jannar, 2020.

Ra x-xhieda ta' **Emanuela Cassar**[24] li qalet li kienet tahdem mall-kumpanija ntimata bhala sales *assistant supervisor*. Qalet li darba kienet xoghol go hanut mar-rikorrenti fejn dahlet klassi studenti mall-ghalliema u x'hin dahlu marret fuq l-ghalliema u qaltilhom biex jghinnuhom biex jikkontrollaw lit-tfal sabiex ma jisirqux. Meta kkoregietha, r-rikorrenti gholliet spallejha. Meta l-grupp resaq biex ihallas marret ir-rikorrenti u qaltilha biex trahsilhom xi haga fejn ix-xhud irrisponditha li hi ma tistax ghaliex ma xtraw xejn sostanzjali, fejn ir-rikorrenti qabdet u tathom xi haga minn fuq l-ixkaffa minghajr awtorizzazzjoni.

Xehdet dwar incident iehor fejn dahlet fil-hanut b'zewgt'itfal u hi kienet qed tara x'hinuma jaghmlu, filwaqt li r-rikorrenti kienet qed taghmel il-prezzijiet mall-counter. Ir-rikorrenti marret hdejha u qaltilha li kienet qed tissuspetta li l-mara tefghet xi haga fil-basket filwaqt li x-xhud qaltilha li ma jistax ikun ghaliex kienet qed thares lejhom il-hin kollu. Huma u hergin, ir-rikorrenti waqfithom u lill-mara ccekjatilha l-basket u ovvjament ma sabet xejn. Il-mara hassitha mbarazzata u kellha tiskuza ruha hija f'isem ir-rikorrenti.

Kienet qalet lil Joseph Zammit Tabona rigward dawn l-incidenti imma stante li kellhom problema fl-istaff ma setghux jaghmlu mod iehor specjalment meta fis-sajf ikun hemm in-nies.

Semmiet illi r-rikorrenti kienet tiftah il-hanut tard, u taghlqu tard ukoll. Kienet sahsitra taghmel ix-xirjiet tad-dar waqt il-hin tax-xoghol.

Ra x-xhieda ta' **Michelle Psaila**[25] li hi mpjegata tas-socjeta' ntimata, u taf lir-rikorrenti bhala li kienet kollega taghha. Semghet diversi ilmenti minn kollegi ohra fir-rigward tar-rikorrenti. Kien hemm incident wiehed fejn gholliet lehinha ghaliex ma haditx hsieb il-hanut u r-rikorrenti fehmet. Kien hemm anka istanza fejn telghet tixhed dwar akkuza ta' rimi ta' zibel f'isem il-kumpanija.

Ra x-xhieda ta' **Ayrton Walls**[26] fejn qal li bhala dipartiment tad-DIER ma jzommux rendikont tal-laqghat mall-haddiema li jmorru ghall-pariri, u lanqas telefonati. *File* fir-rigward tar-rikorrenti hemm. Il-kaz infetah ghaliex il-principal taghha ma kienx hallasha l-pagi kif suppost u dan sar wara li tkecciet minn fuq il-post tax-xoghol. Fil-*file* hemm korrispondenza bejn l-*employer* u d-dipartiment u l-*employee* u d-dipartiment, il-payslips, *statement of account* iffirmat minghand il-*claimant*, ittra minghand Joseph Zammit Tabona li xtaq lir-rikorrenti tiffirma qabel tiehu c-*cheque* u kopja tac-*cheque*, liema *cheque* kien jammonta ghal €3,833.27 u dan ezatt ghal statement of account li kienet iffirmat il-claimant. Ir-rikorrenti m'accettatux ghaliex Zammit Tabona ried li hi tiffirma il-*full and final settlement*. Id-decizjoni tiffirmax ghac-cekk trid tohodha r-rikorrenti u ma jidholx fiha d-dipartiment. Hemm kawzi kriminali pendenti. Il-kaz infetah fit-12 t'Ottubru, 2018. Meta r-rikorrenti kienet marret l-ewwel darba kienet ghadha fl-impjieg.

Huwa spjega li fiz-zmien meta kienet marret ir-rikorrenti ma kienx hemm il-facilita' tar-rekordjar tat-telefonati.[27]

Ra x-xhieda ta' **Andre' Carbonaro**[28] li qal li hu kien jahdem id-DIER u r-rikorrenti kienet marret ghaliex kellha problema mall-*employer* ghaliex riedet granet zejda tal-*leave* u l-*employer* ma riedx itihomlha u hu prova jispjegalha li kien fid-diskrezzjoni tal-*employer* jekk jaghtiex il-*leave*. Spjegalha li ma setatx taqbad u taqta' isimha mir-*roster*. Kienet gja deciza dar il-kaz taghha u sfortunament ma kienetx fis-sew fuq dak li kienet qed tghid. Ma ftakarx ezatt kemm-il darba marret ghandu r-rikorrenti imma jekk

[24] *A fol* 197 *et seq* tal-process; xhieda datata 27 ta' Jannar, 2020
[25] *A fol* 200 *et seq* tal-process; xhieda datata 27 ta' Jannar, 2020.
[26] *A fol* 299 *et seq* tal-process; xhieda datata 2 ta' Novembru, 2020.
[27] *A fol* 344 *et seq* tal-process; xhieda datata 10 ta' Mejju, 2021.
[28] *A fol* 310 *et seq* tal-process; xhieda datata 8 ta' Frar, 2020.

marret tlett darbiet, it-tlett darbiet qalilha l-istess affarijiet. Hu kien cempel lill-kumpanija u min kellmu qallu l-istess affarijiet li kienet qaltlu r-rikorrenti u cioe' li qatghet isimha mir-*roster*, ghaliex ma setghatx tahdem ghax jekk kien jiftakar sew xi hadd mill-familja taghha kien ser jigi Malta. Ftakar li r-rikorrenti marret darbtejn jew tlieta ghandu u li kellha problema finanzjarja u li ma setatx tieqaf tahdem. Ir-rikorrenti qatt ma hadet dokumenti u hu ma kellux kompetenza jitlob ghal dokumenti minghand il-kumpanija. L-unika kompetenza li kellu kien li jghidilha li hi ma setatx taqta' isimha mir-roster minghajr awtorizzazzjoni.

**4. Trattazzjoni tal-partijiet**

Ra n-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' ntimata[29] li permezz taghha ssottometiet li t-tezi tas-socjeta' ntimata hija msejsa fuq id-dritt tal-principal li jista' jkecci impjegat b'kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu minghajr ma jaghti avviz jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed. Oltre dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni tezi tal-principal appellat hija li r-rikorrenti abbandunat l-istess xoghol taghha. Is-socjeta' ntimata ghamlet elenku ta' nuqqasijiet li r-rikorrenti ghamlet fix-xhur ta' qabel tkecciet. Dawn kollha gew korroborati mix-xhieda prodotti mill-istess socjeta'. In oltre, r-rikorrenti giet imwissija diversi drabi dwar tkeccija. Issottometta wkoll illi r-rikorrenti ghandha karattru difficli u dan kif jixhdu certi episodji li graw tul il-kawza ma' avukati li kienu jippatrocinawha.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti[30] fejn qalet illi hija kienet impjegata bhala salesgirl mall-kumpanija ntimata, u li kienet assenjata f'hanut wiehed regolarment izda kienet anke tigi assenjata hwienet ohra, hekk kif spjegat fl-affidavit. Ir-rikorrent issottomettiet li kienet inghatat gimgha *leave* bil-Hadd inkluz. Issottomettiet illi Johann Dimech qal li nghatat gimgha *leave* u li l-gimgha kif jafha kulhadd tinkludi l-Hadd, izda xorta tnizzlet fir-*roster* il-Hadd. Illi d-dokument tal-*Jobsplus* juri li d-data ta' terminazzjoni kienet fit-13 t'Ottubru u ghalhekk kif setghet tabbanduna l-post tax-xoghol meta kienet *leave* u barra minn hekk issottomettiet li fl-14 t'Ottubru l-*leave* taghha kien approvat. Issottomettiet ulterjorment illi hija ma setghetx tikkonferma jekk qatghetx isimha hi jew kollega ohra minn fuq ir-*roster*. Ghamlet referenza ghal procedura ta' kif jinqatghu l-ismijiet meta jinbidlu s-*shifts* u allura ma'ghandux jigi nterpretat illi l-qtugh tal-isem minn fuq ir-*roster*, bhala sfida min-naha taghha. Issottometiet illi l-provi mressqa mis-socjeta ntimata huma f'xi drabi kontradittorji. Fl-ahhar irrilevat li l-kumpens ghandu jigi mahdum fuq is-sentenza Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Print Limited.

**5. Kunsiderazzjonijiet**

Ikkunsidra l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti sabiex it-Tribunal:

a. Jippermetti lir-rikorrenti tipproduci d-Dikjarazzjoni taghha bl-Ingliz u dan stante li hija persuna barranija li ma tifhimx bil-Malti, u
b. Jippermetti illi l-proceduri eventwali isiru wkoll bil-lingwa Ingliza, u dejjem jekk ikun hemm bzonn u jekk ikun mehtieg, illi jigi appuntat traduttur bil-lingwa Portugiza.

Jirrizulta li d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, n-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess u xhieda fejn kienu komdi jixhdu bl-ingliz saru bil-lingwa ngliza, ghalhekk dawn iz-zewg talbiet gew sorvolati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jastjeni li jiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba.

[29] *A fol* 373 *et seq* tal-process.
[30] *A fol* 376 *et seq* tal-process.

It-Tribunal issa ser jghaddi sabiex jiddeciedi it-tieni u t-tielet talba u cioe' sabiex:

a. Jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponenti minn mas-socjeta' ntimata bhala wahda ngusta ai termini tal-Artikolu 75 tal-Ligijiet ta' Malta; u
b. Illi in segwitu ghall-ewwel talba joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikoli 81(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u jiffissa kumpens xieraq pagabbli mis-socjeta' ntimata lill-esponenti.

Jirrizulta li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta' ntimata fuq bazi *part-time* mill-24 ta' Mejju, 2016 sat-30 ta' Gunju, 2017 u fuq bazi *full-time* mill-1 ta' Lulju, 2017 sat-13 t'Ottubru, 2018.[31] Illi r-raguni tat-tmiem tal-impjieg moghtija mis-socjeta' ntimata kienet *Resignation: Abondoned Place of Work*.[32] Ir-rikorrenti rribadiet iktar minn darba illi hija qatt ma abbundat il-post tax-xoghol izda giet itterminata waqt li kienet bil-*leave*.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited (Appell Inf 28.4.2017), il-Qorti tenniet illi:

> *'Ovvjament kull kaz irid jigi deciz skond ic-cirkostanzi partikolari tieghu. Hi kwistjoni ta' fatt: i. jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta hazina; fl-affermattiv jekk dik il-kondotta ghandiex taghti lok ghat-tkeccija. Sabiex jasal ghal decizjoni f'dan is-sens ovvjament it-Tribunal irid iqies ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari li jkun qieghed jiddeciedi u li jirrizultaw mill-provi.*
>
> *Illi "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*
>
> *Issa ghal dak li jirrigwardja 'raguni tajba u sufficjenti' li trid il-ligi, sabiex ikun hemm terminazzjoni tal-impjieg ghal raguni gusta, dan it-Tribunal fir-rigward jaghmel referenza ghal dak ritenut mill-Qorti tal-kassazzjoni Taljana (24 ta' Gunju 2000 numru 8631) "per stabilire in concreto l'esistenza di una giusta causa di licenziamento che deve rivestire il carettere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto di lavoro ed in particolare di quello fiduciario occorre valutare da un lato la gravita dei fati addebitati al lavoratore in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all'intensita dell'elemento intenzionale dall'altro, la proporzionalita fra tali fatti e la sanzione inflitta stabilendo se la lesione dell'elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione del prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare definitivament espulsiva."*

[31] *A fol* 12 tal-process.
[32] *A fol* 13 tal-process.

Fil-kawza Emanuel Mifsud vs AX Hotels Operations Limited, deciza nhar it-28 ta Frar 2020,[33] gie ritenut li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:

*(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;*

*(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza immedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;*

*(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;*

*(4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi kommunikata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mall-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva.*[34]

Id-Direttur tas-socjeta' ntimata, Joseph Zammit Tabona[35] fix-xhieda tieghu qal illi huwa mill-bidu nett flimkien ma' martu prova jghin lir-rikorrenti, u cioe' sa mill-ewwel darba li marret l-ufficcju tieghu billi martu permezz tal-*media* socjali bdiet tipprova issib akkomodazzjoni lir-rikorrenti. Barra minn hekk, ir-rikorrent kontinwament kienet titlob sabiex tahdem iktar sieghat biex tircievi paga ahjar u fil-fatt il-kumpanija ntimata hekk kienet taghmel sabiex jghinnuha. Fix-xhieda tieghu u tat-tifel tieghu Benjamin Zammit Tabona semmew diversi nuqqasijiet li kellha r-rikorrenti fir-rigward tas-superjuri taghha, nkluz fil-konfront ta' Joseph Zammit Tabona, l-kollegi taghha, u klijenti. Fosthom kienu li:

- Kienet targumenta mall-maggjor parti tal-kollegi taghha tant li kellhom problema fir-*rostering* ghaliex ma kienux iridu jahdmu maghha;
- Insulentat kollegi taghha;
- Bikkiet kollegi taghha;
- Kienet tmur kontinwament tard ghax-xoghol;
- Kienet tnizzel sieghat iktar milli effettivament kienet tahdem;
- Imorru t-tfal taghha fuq il-post tax-xoghol u joqghodu hemm minkejja li kienet inghatat struzzjonijiet sabiex dan ma jsirx;
- Fl-ahhar kienet ingassat isimha minn fuq ir-*roster* minghajr awtorizzazzjoni;
- Hadet *leave* li ma kienx awtorizzat

Barra minn hekk Joseph Zammit Tabona xehed illi kien taha mill-anqas 15-il *warning* verbali.

---

[33] Kaz Numru: 3244/14; Dr Anna Mallia

[34] Qorti tal-Appell (sede inferjuri); Imhallef Sciberras; nhar l-1 ta' Marzu 2006; Appell Civili numru 1/2005; fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) Limited.

[35] *A fol* 28 *et seq* tal-process.

Kollegi tar-rikorrenti li xehdu fil-proceduri semmew ukoll li:

- Kien hemm okkazzjoni fejn marret fuq familja u qaltilhom li kienu serqu mil-hanut;
- Kien hemm okkazzjoni fejn dahlu ghalliema ma' studenti taghhom u qaltilhom biex izommu ghajnejhom fuq l-istudenti halli ma jisirqu xejn;
- Kienet halliet *tape* fuq il-bank imwahhal b'nemus mejjet u sabithom il-kollega taghha fis-*shift* ta' warajha.

Min-naha l-ohra r-rikorrenti fix-xhieda taghha qalet illi hija kienet tmur tajjeb tant mall-kollegi li sahansitra kollega li kienet tahdem maghha b'mod regolari, Rita Yagoubi kienet tghidilha li m'hemm hadd jigri warajha sabiex tlesti parti mill-irwol taghha u cioe' li tipprezza u tpoggi l-affarijiet fuq l-ixkafef. Kompliet tghid illi hija tahseb illi din hija wkoll ir-raguni ghaliex il-kumpanija kienet ittiha hafna *shifts* x'tahdem.

Ghalhekk it-Tribunal qed jigi rinfaccjat b'verzjonijiet totalment differenti.

Huwa ritenut illi:

> *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil- gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l- fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil- kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili" – (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004)*

F'dan il-kaz il-gudikant huwa ggwidat mill-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia" moghtija fil-24 ta' Novembru 1966 fejn kien inghad hekk:[36]

> *"Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli fill-Qorti f dak l-istat ta' perpelessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecieci b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo."*

Mill-provi jirrizulta illi dak li xehed dwaru Joseph Zammit Tabona gie kkorroborat minn diversi xhieda ohra. Barra minn hekk, kollegi tal-istess rikorrenti semmew incidenti ohra li graw meta kienu xoghol maghha. Zewg xhieda li gew imressqa min-naha tas-socjeta' ntimata kienu zewg *suppliers*, li kienu

[36] Rik Nru: 101/2010JPG

biss imorru il-hanut sabiex ihallu l-prodotti u jigbru xi *returns*, izda jirrizulta li wara ncidenti li kellhom mar-rikorrenti ma baqghux imorru jaghtu l-prodotti taghhom meta jkun hemm hija, ghaliex kienu jhossuhom skomdi. Mill-provi mressqa jirrizulta illi r-rikorrenti kellha diversi ncidenti kemm ma' kollegi taghha, kemm ma' superjuri taghha u kif ukoll ma' terzi li kienu jmorru gewwa l-hwienet fejn kienet tinzerta tkun hija, kemm klijentela, kemm *suppliers*, kif ukoll anke sempliciment persuna li tghin.

Ir-rikorrenti fix-xhieda taghha rribadiet illi hija qatt ma kellha problemi la ma' kollegi taghha u lanqas ma' superjuri taghha u li qatt ma kienet inghatat twissijiet izda t-Tribunal ma huwiex moralment konvint illi l-istess rikorrenti qatt ma nghatat twissijiet. Joseph Zammit Tabona spjega li ghalkemm ta diversi twissijiet lir-rikorrenti huwa qatt ma wasal ikecciha ghaliex kien hemm nuqqas kbir ta' mpjegati f'din l-industrija. It-Tribunal konvint li r-rikorrenti kienet konxja ta' kull twissija li nghatatilha izda stante li effettivament hija qatt ma tkecciet dejjem ghazlet it-triq li tkompli taghmel dak li thoss hi, anke jekk dan kien ripetutament bhal izda mhux limitatament tiftah il-hanut tard minkejja li giet imwissija diversi drabi fuq hekk.

It-Tribunal issa ser jghaddi sabiex jiddeciedi jekk effettivament ir-rikorrenti abbandunatx il-post tax-xoghol taghha.

Ir-rikorrenti spjegat illi hija kienet talbet ghal-gimgha *leave* u cioe' mit-8 t'Ottubru sal-14 t'Ottubru. Kompliet tispjega li f'dik il-gimgha partikolari hija kienet marret ghand id-DIER sabiex tara d-drittijiet taghha. Qalet li saru telefonati minn quddiemha min-naha tad-DIER, specifikament minn Andre' Carbonaro fejn kien sahansitra nformaha li l-kumpanija kienet itterminatilha l-impjieg taghha minghajr ma hija kienet taf. Ghalhekk kienet marret il-hanut sabiex tara r-*roster* u b'sorpriza kbira rat illi hija kienet imnizzla bhala xoghol fl-14 t'Ottubru meta hija kienet *b'leave* awtorizzat, u li fir-*roster* tal-gimgha tal-15 t'Ottubru isimha ma kienx imnizzel.

Min-naha l-ohra Demicoli fix-xhieda tieghu qal illi r-rikorrenti kienet inghatat il-*leave* fil-granet li talbet u cioe' mit-8 t'Ottubru sat-13 t'Ottubru. Jumejn jew tlett ijiem qabel il-Hadd, 14 t'Ottubru, huwa gie nformat illi r-rikorrenti marret il-hanut u kienet ingassat isimha minn fuq ir-*roster*. Huwa kien cempel lil Joseph Zammit Tabona li kien imsiefer fejn kien infurmah x'kien gara. Demicoli kien cempel lir-rikorrenti fuq struzzjonijiet ta' Joseph Zammit Tabona u qalilha li jekk ma kienetx ser tidhol il-Hadd, kienet ser tigi tterminata. Ir-rikorrenti kienet marret il-hanut tikkonfronta lil Demicoli u kien rega kkjarifika ruhu.

Xehed ukoll ir-rapprezentant tad-DIER fejn qal li meta kellem lir-rikorrenti kien spjegalha li l-principal ghandu diskrezzjoni meta jaghtiha l-*leave* u hi ma kellha l-ebda jedd taqbad u taqta' isimha minn fuq ir-*roster*.

Jirrizulta r-rikorrenti ngassat isimha minn fuq r-*roster* u dan anke wara li Charmaine Grima[37] pruvat tirrangalha ghal-*leave*, u kellha ordnijiet cari u inekwivoci minghand Demicoli biex tidhol ghax-xoghol, ir-rikorrenti baqghet ma dahlitx ghax-xoghol u baqghet tinsisti li l-*leave* kien awtorizzat. Li dan it-Tribunal ma jistax jifhem huwa ghaliex ir-rikorrenti, u dan skont it-*timeline* li tat hija stess, kienet ma tiflahx u dan ben qabel l-14 t'Ottubru, izda xorta bdiet tmur il-hanut ticcekja x'hinu jigri fir-*roster* meta skont hi l-*leave* kien awtorizzat, u *in oltre* kienet ma tiflahx.

[37] *Vide* xhieda tal-istess.

B'referenza ghal-Selwyn's Law of Employment[38] inghad hekk:

> *… The facts were that Clarke wanted to go to Jamaica on extended unpaid leave, but permission was refused by the employers as he had already echaisted his entitlement under the rules. When he asked what would happen if he went without permission he was told that his name would be removed from the books. Nonetheless he went to Jamaica, stayed for seven weeks, and his return he submitted a medical note, which the employment tribunal viewed 'with some surprise'. While he was away, the employers wrote to his home addre4ss, stating that if no reply was received within 14 days it would be assumed that he did not wish to continue his employment and eventually his name was removed from the books. When he returned from Jamaica, he applied for his job back, and when this was refused, he claimed he had been unfairly dismissed. For the employers, it was argued that the applicant had 'resigned' but this view was rejected. It is trite law that if a person breaks a contract, the other party has two options; he can either accept the breach, and treat the contract as being at an end, or refuse to do so, and treat the contract as still subsisting. If he accepts the breach, he terminated the contract. Thus Clarke had been dismissed, and had not resigned. However, the Court of Appeal then went on to find that the dismissal, in the circumstances, was fair.*

Illi l-fatti specie tal-kawza odjerna huma l-istess, ghaliex anke jekk ghas-sahha tal-argument ir-rikorrenti bi zball hasbet li ghandha l-*leave* awtorizzat sal-Hadd 14 t'Ottubru, meta marret u rat ir-*roster* u rat illi l-Hadd kienet xoghol, hija qabdet u ngassat isimha minn fuq ir-*roster*. Jekk sadanittant ukoll baqghet tahseb li l-*leave* kien awtorizzat, meta Johann Demicoli kien cemplilha u spjegalha illi l-Hadd ma kellhiex il-*leave* awtorizzat, allura hija kienet infurmata anke bil-fomm. Jirrizulta li minkejja li Johann Demicoli qalilha li jekk ma tmurx ghax xoghol kienet ser tigi tterminata, r-rikorrenti xorta ma marritx ghax-xoghol. Min-naha l-ohra li ma jistax jifhem it-Tribunal huwa li jekk ir-rikorrenti kienet daqshekk certa li kellha l-*leave* awtorizzat x'kien l-iskop li ghamlet certifikat mediku ghal granet li skont hija kienet *leave*.[39]

Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha rrimarkat illi hija giet itterminata fit-13 t' Ottubru, liema haga qatt ma setghet tigri ghaliex kienet bil-*leave*. It-Tribunal ma jistax ma jigbidx l-attenzjoni illi t-13 t' Ottubru hija mmarkata bhala l-ahhar gurnata tax-xoghol u mhux bhala l-gurnata li giet imkeccija.

Jirrizulta car illi r-rikorrenti ma kellhiex il-*leave* awtorizzat ghall-14 t'Ottubru, 2018 u minkejja li giet imwiddba li jekk ma kienetx ser tidhol ghax-xoghol hija kienet ser tigi tterminata, hija xorta ma marritx ghax-xoghol u ghalhekk it-tkeccija taghha kienet ghal-raguni valida.

## 6. Konkluzjoni

[38] Twentieth edition; page 411, B. Constructive Dismissal; par 17.53.

[39] A fol 10 u 261 tal-process.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-*istatements* tal-kaz tal-partijiet, sema u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, jasal ghall-konkluzjoni, li r-raguni tat-tkeccija kienet wahda gusta tenendo kont illi minkejja li kienet imwissija diversi drabi, meta giet imwissija sabiex tidhol ghax-xoghol minhabba l-*leave* taghha ma kienx awtorizzat xorta rrifjutat li tmur ghax-xoghol.

**7. Decide**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi:

Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg talbiet stante li gew ezawriti, jichad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' ntimata.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Marouska Debono**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**